Minuti tat-tlettax (13/7) il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 04 ta' Novembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Demelsa Grech |
| Skużati:- | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier: | Stefan Caruana |

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. 12/7 (30 ta' Settembru 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Triq il-Kbira
   b. Toroq oħra:- Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

5. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress

6. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

## *Ftuħ tal-laqgħa*

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Assenti iżda skużati. Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa illi kien irċieva żewġ kommunikati mingħand is-Sur Baldacchino u s-Sur Caruana rispettivament fejn infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

Fil-fehma tal-Kunsill ir-raġuni li taw kien sodisfaċenti u ġustifikanti u l-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu konsidrati skużati u li dan in-nuqqas t'attendenza għal din il-laqgħa ma għandiex taffetwa ħażin r-remunerazzjoni tagħhom.

## **1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti:-</u>**

**<u>a. 12/7 (30 ta' Settembru 2013)</u>**

1.1 Dawn il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li kienu diġa ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

1.2 Il-minuti 12/7 (30 ta' Settembru 2013) ġew approvati nem con.

1.3.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti

1.3.1 Tema 3.6 Talba lit-TM sabiex it-traffiku jiġu limitat billi fit-tarf ta' triq li tiżbokka fi Triq Ħal Far faċċata tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta titwaħħal tabella No Entry – except for residents and to render a service.

Is-Sur Sammut staqsa dwar dan u ġie infurmat illi għalkemm il-Kunsill kiteb lit-TM sabiex jingħata permess il-Kunsill kien għadu l-anqas irċieva approvazzjoni dwar dan u għalhekk ma kienx f'qagħda li jwaħħal din it-tabella.

Saret diskussjoni u sar qabel illi l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex toħroġ il-permess meħtieġ u titwaħħal din it-tabella fl-aqsar żmien possibli.

## 2.0 ***Kommunikazzjoni***

2.1 Sindku

2.1.1 Triq il-Kbira, Wesgħet Anglu Dalli u Triq il-Fidwa Il-Gudja. Is-Sindku qal illi peress li x-xogħol tlesta huwa (flimkien mal-kuntratturi li ħadmu fuq dan ix-xogħol) flimkien mal-Perit William Lewis (perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett) kien għamel spezjonijiet f'dawn it-toroq u saru l-kejlijiet meħtieġ sabiex filwaqt li l-Perit joħroġ ir-rapport dwar ix-xogħol ikun ukoll jista' joħroġ il-kont dwar dan ix-xogħlijiet skond it-tender u l-kuntratt mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li sad-data ta' din il-laqgħa l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda rapport mingħand il-Perit.

2.1.2 Xelter fi Sqaq nru 3 fi Triq il-Kbira Il-Gudja. Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill kien qed jaħdmu sabiex inaddfu dan ix-xelter sabiex ikun jista' jiġi ta' livell tajjeb li jkun jista' jintuża għal żjarat kemm mill-Maltin kif ukoll mit-Turisti.

2.1.3 Titqib dwar l-influwenza. Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill ipparteċipa f'dan il-proġett u għamel arranġamenti sabiex 312 resident fil-Gudja ingħataw tilqima kontra l-influwenza. It-tilqim inkiseb mingħand id-Dipartiment tal-Kura Primarja u l-Kunsill ipprovda s-servizz ta' nurse ikwalifikat u ta' esperjenza kbira u dan bi ħlas ta' €150.00.

Is-Sindku qal ukoll illi din it-tilqima ingħatat fid-djar fejn ir-residenti ma setgħux raġunijiet ta' saħħa.

2.1.4 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema Community Workers Scheme (CWS). Is-Sindku qal li riċentament l-ETC irtirat lill-ħaddiem Richard Caruana u ingaġġaw lill ħaddiem is-Sur Francoise Ellul.

Saret diskussjoni u sar qabil li l-Kunsill jikteb lis-Sur Guido Zammit (ETC) sabiex jiċċara diversi punti dwar dawn il-ħaddiema u b'hekk dawn ikunu aktar effikaċi fil-ħidma tagħhom.

2.1.5 Ftehim dwar l-għeluq ta' diversi toroq f'jiem tal-festi ġewwa il-Gudja. Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Pulizija fjen ġie diskuss li l-għeluq ta' diversi toroq ewlenin waqt il-jiem tat-tlett festi ġewwa l-Gudja kienu qed jikkawżaw problemi kemm għat-traffiku kif ukoll għal kummerċ u għal xi residenti.

Sar qbil illi l-Kunsill jibgħat ittra ta' konsultazzjoni lil dawn l-għaqdiet li jistgħu jintlaqtu li huma:- Arċipriet, Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjeta Filarmonika La Stella, dwar dawn it-toroq:- Triq William Baker, Triq San Ciru u Triq Raymond Caruana u li draft copy ta' din l-ittra tiġi ċirkulata għand il-kunsillieri kollha qabel tintbgħat lill-Għaqdiet/Soċjetajiet konċernati sabiex il-kunsillieri ikunu jistgħu jagħmlu xi tibdiliet f'din l-ittra kif jidrilhom li jkun xieraq.

Wara dan l-istadju s-Sindku jkun jista' jibgħat l-ittra ta' konsultazzjoni kif tkun finalment maqbula mal-Kunsillieril. Id-deċizjoni finali dwar l-għeluq terġa tiġi diskussa mal-Pulizija u b'hekk jinkiseb l-aħjar fl-interess tar-residenti kollha tal-Gudja.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Ara tema 5.0 – Ġnien Raymond Caruana - Progress

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Vote16 – Ħatra t'Ambaxxatur/Ambaxxatriċi. Is-Sur Sammut qall illi qed ikun hemm ħidma attiva dwar dan u irrefera għall-memo26/2013 kif maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kien rċieva erba' applikazzjonijiet dwar din il-ħatra. Dawn huma:- Fabio Scicluna, Melanie Bugeja, Jurgen Dingli u Yanika Degiorgio. Is-Sur Sammut qal li l-applikazzjoni tas-Sur Scicluna ma setgħetx tiġi konsidrata peress li kien diġa għalaq 18-il sena meta fil-fatt id-Dipartiment kien iċċara li l-eta' għandha tkun dika ta' taħt it-18-il sena.

Saret diskussjoni dwar li għandha tiġi stabbilita kriterja u metodu dwar l-għażla sabiex filwaqt li l-Kunsill ikun ġust u trasparenti ikun ukoll qed juri l-apprezzament lejn dawn iż-żgħażagħ li applikaw għal din il-ħatra. Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa b'urġenza nhar il-Ħamis 07 ta' Novembru 2013 u li dawn it-tlett applikanti cioe Melanie Bugeja, Jurgen Dingli u Yanika Degiorgio jiġu intervistati rispettivament liema intervista tista' iddum sa mhux aktar minn 15-il minuta għal kull applikant. L-ewwel intervista tibda fis-6.00pm u l-aħħar waħda għandha tibda fis-6.30p.m.

ii. L-erba' Staġuni – Attivita ta' nhar is-Sibt 16 ta' Novembru 2013. Is-Sur Sammut qal li waqt din l-attivita sejra issir attivita sportiv bejn l-4.00pm u s-6.00pm ta' ġiri ta' roti u Zumba. Il-Kunsill qabel li jippromwovi din l-attivita li hija kemm sportiv kif ukoll fiha ħafna aspetti kulturali.

b. Demelsa Grech

i. Korsijiet tal-computers mit-TCTC. Ms. Grech qalet li qed issir ħidma sabiex dawn il-korsijiet jibdew fi żmien qasir u għal dan il-għan sejra ssir laqgħa nhar is-Sibt 16 ta' Novembru 2013 ma dawk kollha interessati u li applikaw għal dawn il-korsijiet.

ii. Korsijiet ta' Crafts fl-Għid il-Kbir 2014. Ms. Grech qalet li qed tipprepara dwar dawn il-korsijiet li juru kif wieħed iżejjen fil-jiem tal-Għid il-Kbir. Dettalji dwar dan jingħata fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

Iii. Ħarġa Edukattiva ġewwa Sqallija (wasla fil-Port ta' Pozzallo). Ms. Grech qalet li kienet qed tipproponi li ssir din il-ħarġa nhar it-13 ta' Diċembru 2013 Jum ir-Repubblika u tad-dettalji dwar il-kontenut ta' din il-ħarġa ta' catamaran. Prezz: kbar ta' €114; Tfal €49.00; Tfal taħt l-4 snin bla ħlas. Il-Kunsill qabel li jipprovdi u jħallas għat-trasport mill-venda tal-Gudja (Ġnien R. Caruana) lejn il-port u lura. Il-Kunsill qabel ukoll li toħroġ ċirkulari lir-residenti kollha tal-Gudja.

## 3.0 ***Rapporti***

3.1 Korrispondenza. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva l-Kunsill kif ukoll dak li bagħat il-Kunsill u sar qbil li l-Kunsill ikompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.2.0 Ilmenti

3.2.1 Dawret il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-qagħda tal-inħawi li tibda ma' katuniera ta' Triq R. Caruana u tispiċċa ma' Triq Kan Dun P. Farrugia u sar qbil li l-Kunsill għandu jaħdem b'mod immedjat sabiex isir it-titjib meħtieġ u jiġi eliminat il-inkonvenjent u l-periklu għar-residenti u għal min jifrekwenta dawn l-inħawi.

3.2.2 Bollard fil-mina li tiżbokka fi Triq il-Kbira, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li ssir din il-bollard peress li ġie innotat li diversi drabi vetturi żgħar u xi muturi ħarġu minn din il-mina bi speed qawwi u dan ta' periklu kbir kemm għat-traffiku kif ukoll għal kull min jifrekwenta l-inħawi. Dwar din il-mina l-Kunsill qabel ukoll li jagħmel stħarriġ dwar din il-mina jekk din hiex art pubblika jew art privata.

## 4.0 ***Xogħlijiet u Progress***

4.1.0 Triq il-Kbira, parti minn Triq il-Fidwa u Wesgħet Anġlu Dalli.

4.1.1 Is-Sindku qal li flimkien mal-Perit W. Lewis u l-kunteratturi Denfar Excavators u Philip Agius & Sons kien preżenti għall-kejl u l-snag list sabiex meta dawn jiġu finalizzati jkun jista' ssir l-kont finali. Is-Sindku qal li sal-ħin ta' din il-laqgħa il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-beda kont dwar dan.

4.1.2 Xelter fi Sqaq 6 fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill qed inatfu dan ix-xelter bil-ħsieb li dan ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku f'okkażjonijiet li jiddeċiedi l-Kunsill.

4.2 Toroq Oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa. Dawn it-toroq jiġu ikkonsidrati fil-programm tal-Kunsill skond kif jippermettu l-finanzi u l-prijorita tax-xogħlijiet.

4.3 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni. Is-Sindku qal lil-Perita Audrey Anne Bonnici f'isem il-MED Design Associates ġiet infurmata sabiex taħdem dwar dan il-proġett. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin tal-Kunsill.

## 5.0 ***UIF – Ġnien Raymond Caruana – Progress***

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar ix-xogħol u ġie innotat li xogħol miexi sewwa u skond il-programm tax-xogħlijiet. Aktar progress ikun jiddependi kemm jippermetti t-temp.

5.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi fil-proġett jiżdid railing adekwat (li jista' ikun ukoll tal-istainless steel bħal ma kien sar fil-housing estate tal-Mitħna) madwar il-kazebo kif ukoll tapit xieraq sabiex joħloq aktar protezzjoni u sigurta' meta t-tfal ikun qed jużaw l-apparat fuq il-post.

## 6.0 ***Finanzi***

6.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €34.11 għax-xahar ta' Settembru

6.2.0 Skeda ta' Pagamenti.

6.2.1 L-iskeda tal-pagamenti għax-xahar t'Ottubru 2013 għas-somma totali ta' €38067.16 ġiet approvata nem con.

6.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet kemm ta' servizzi u materjal kif indikati aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

6.3.2 Xiri ta' asphalt. 60 borża asphalt. Il-Kunsill approva x-xiri ta' sittin borża ta' 20kg kull waħda u li dawn għandhom jintużaw speċjalment fi Triq San Ġorġ kif ikun meħtieġ.

## 7.0 ***Għeluq tal-laqgħa u aġġornament***

7.1 Peress li l-agenda ġiet eżawrita il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.45pm għal Ġimgħa 29 ta' Novembru 2013 fis-5.45pm fuq Agenda li tiġi iċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-